**23 ta' Marzu, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Dottor Joseph Said Pullicino B.A., LL.D.**

Anna Stanley

*versus*

Alan Zahra

**Danni – Kolliżjoni – Inċident Awtomobilistiku – Triq Prinċipali – Viżwali – Veloċità Eċċessiva f'Materja Ċivili**

*L-attur fittex u rebaħ danni għal inċident awtomobilistiku li ġara f'San Ġwann.*

*Interessanti r-riflessjonijiet tal-Qorti dwar viżwali u main road. Ġie kostantement ritenut illi veloċità eċċessiva tista' tesponi lis-sewwieq għal proċeduri kriminali, in civilibus tali veloċità ma tistax titqies a priori bħala fattur determinanti għar-responsabbilità ta' l-inċident jew kontributorju għalih. Irid jiġi stabbilit illi l-veloċità eċċessiva kienet element determinanti li pprovoka l-inċident u li tista' titqies il-kawża prossima ta' l-inċident.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni tat-18 ta' Diċembru, 1990, li bih l-attriċi wara li ppremettiet illi fit-18 ta' Lulju, 1990, fil-limiti ta' San Ġwann waqt li l-konvenut Alan Zahra kien qed isuq il-vettur *Volkswagon* numru ta' reġistrazzjoni H – 5597 minħabba traskuraġni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku huwa ħabat mal-vettura ta' marka *Mercedes* numru tar-reġistrazzjoni G – 5288 proprjetà ta' Anna Stanley u misjuqa minn Christopher Stanley b'hekk ikkaġuna ħsarat kbar f'din l-istess vettura;

U wara li ppremettiet illi għal dan l-inċident kien unikament responsabbli l-konvenut u dana minħabba negliġenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu li l-konvenut ma aċċettax li jħallas id-danni sofferti mill-attriċi b'konsegwenza ta' dan l-inċident, li għalih huwa kien unikament responsabbli, u dana minkejja li huwa ġie interpellat u għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Jgħid għalhekk il-konvenut għar-raġunijiet premessi u mogħti kull provvediment opportun għaliex m'għandhiex dina l-Qorti:

1. Tiddikjarah unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li ġara fit-12 ta' Lulju, 1990, fil-limiti ta' San Ġwann, meta l-istess konvenut kien qed isuq il-vettur numru H – 5597;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi bħala konsegwenza ta' dan l-inċident, okkorrendo bl-opra ta' periti u esperti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi dik is-somma li tiġi hekk illikwidata in lineja ta' danni minnha sofferti b'riżulta ta' l-inċident fuq imsemmi;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' ittra uffiċjali ta' l-20 ta' Novembru, 1990, u ta' impediment tas-Safar ippreżentat kontestwalment ma' din iċ-ċitazzjoni kontra l-konvenut li jibqa' minn issa inġunt għas-subizzjoni, u bl-imgħaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' din l-istess ċitazzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi l-ewwel talba għandha tiġi miċħuda billi għall-inċident awtomobilistiku *"de quo"* taħti l-attriċi u jsegwi, riferibilment għat-tieni talba, li m'hemmx danni li l-eċċipjent għandu jħallas lill-attriċi u li allura m'hemm ebda ammont li l-eċċipjent għandu jiġi kkundannat iħallas lill-attriċi;

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Frar, 1991, li bih innominat lill-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores bħala perit legali biex jirrelata fuq it-talbiet ta' l-attriċi wara li jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit legali;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal tad-19 ta' Jannar, 1993, li bih il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Il-kawża tirrigwarda r-responsabbilità għall-inċident stradali li ġara f'Tal-Balal Road bejn in-Naxxar u San Ġwann. Christopher Stanley iben l-attriċi, kien qed isuq *Mercedes* f'din it-triq dirett lejn San Ġwann. L-inċident seħħ fil-viċinanzi tal-knisja parrokkjali ta' San Ġwann. Stanley hekk iddeskriva l-inċidenti "Meta wasalt faċċata tal-knisja ta' San Ġwann innotajt karozza **ġejja mid-direzzjoni opposta** misjuqa mill-konvenut (kienet *Golf*) li baqgħet iddur ġo fija. Fhimt li kienet sejra fid-direzzjoni tal-*housing estate*". Il-konvenut ma xehedtx. Ipproduċa però żewġ xhieda li taw verżjoni identika. Sostnew illi l-*Golf* tal-konvenut kienet ipparkjata, wiċċha lejn in-Naxxar, "ftit 'l isfel mis-*centre strip'*, ftit 'il barra, bl-*indicator* jixgħel, **wieqfa.** Niżlet karrozza u għaddiet, imbagħad smajt *brake* f'daqqa u naf li rajt il-*Golf* tiċċaqlaq. **Wara** indunajt li kienet *Mercedes* li laqtet il-*Golf* bil-bieba ta' wara u l-*mudguard* ta' wara, it-tnejn tal-lemin tagħha (ċjoè tal-*Mercedes)";*

Il-perit legali waqt l-aċċess għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet importanti, rilevanti għad-determinazzjoni tar-responsabbilità għas-sinistru:

1. Jidher ċar li Vjal ir-Rahan – minn fejn kien għaddej il-*Mercedes* – hija it-triq prinċipali, li kellha d-dritta fuq Triq l-Iskola, it-triq li fiha ried jidħol il-konvenut, li hija triq trasversali;

2. Hemm diversi *'stop signs'* fuq kull naħa ta' Vjal ir-Rahan, u minn din it-triq jgħaddu karrozzi tal-linja;

3. **Il-viżwali hija tajba ħafna** u ma hemm xejn li jtellef lis-sewwieq, sew jekk tiela' bħall-konvenut, sew jekk nieżel, bħal bin l-attriċi, u sew jekk irid jaqsam bħall-konvenut, li jżomm *'a proper look out'*;

Il-perit legali hekk irrelata fir-rigward tas-sewqan tal-konvenut:

''Jidher mela li l-konvenut billi deherlu li l-vettura l-oħra kienet imbiegħda, iddeċieda li joħroġ. Ovvjament ma żammx quddiem għajnejh l-artikolu 85 tal-*Highway Code,* li jeżorta li kull sewwieq: *'Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicle before you complete a right turn'*. Ma kien hemm xejn xi jtellef il-viżwali tas-sewwieqa u **allura żgur seta' jara l-vettura l-oħra ġejja,** iktar u iktar jekk din kienet għaddejja b'veloċità eċċessiva ... Il-*Mercedes* ta' l-attur ħadet daqqa **fuq il-parti leminija ta' wara** filwaqt il-ħsara fuq quddiem kienet riżultat ta' l-impatt tagħha ma' l-arblu tal-festa ... Kieku l-vettura tal-konvenut kienet diġà wieqfa **qabel** l-impatt ... huwa wisq probabbli li bid-daqqa l-vettura tiegħu kienet, jekk mhux timxi lura, iddur lejn in-naħa tal-lemin tagħha. Iżda dan m'hux il-każ;

Għaldaqstant l-esponent jidhirlu li l-konvenut jaħti għall-

inċident *de quo*'';

Il-perit legali però ma waqafx hemm. Hu investa l-kwistjoni jekk kienx hemm xi kontributorjetà da parti ta' iben l-attriċi li kien qed isuq il-*Mercedes*. Hu hekk ikkonkluda fir-rigward:

''L-esponent huwa tal-fehma li jirriżulta sodisfaċentement li bin l-attriċi li kien għan-niżla kien qed isuq b'veloċità elevata. Huwa minnu li kien qed igawdi d-dritta fuq il-konvenut, iżda b'daqshekk huwa ma kellux jabbuża minnha'';

Wara li jiċċita paragrafu ħamsin tal-*Highway Code*, il-perit legali hekk ikompli:

''Il-fatt li bin l-attriċi kien nieżel b'veloċità **ftit jew wisq ħajja** ġabu fl-impossibilità li jevita l-inċident. Għalhekk jidhirli li huwa wkoll ikkontribwixxa għall-inċident'';

Wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-perit legali rrelata illi r-responsabbilità għas-sinistru għandha tkun akkollata kwantu għal terz (⅓) fuq iben l-attriċi u kwantu għal żewġ terzi (⅔) fuq il-konvenut;

Il-Qorti ma taqbilx ma' din il-konklużjoni raġġunta mill-perit legali. Jingħad qabel xejn li l-konvenut ma huwiex jikkontesta li hu responsabbli għall-akkadut. Qiegħed jaċċetta illi r-rapport peritali hu korrett in kwantu jirrifletti l-kontributorjetà ta' iben l-attriċi għas-sinistru. Kontra dak li sostna fl-eċċezzjonijiet tiegħu, meta eċċepixxa illi t-tort kollu kien ta' iben l-attriċi li kien qed isuq il-*Mercedes*. Issa jidher kuntent li r-relazzjoni peritali tiġi ''mwettqa'' mill-Qorti u b'hekk qed jirrikonoxxi li kien, almenu, **prinċipalment** responsabbli

għas-sinistru;

Fil-fehma tal-Qorti, il-perit legali ma applikax il-prinċipji rikonoxxuti fil-ġurisprudenza *"in civilibus"* rigward l-effett ta' veloċità eċċessiva tal-'*main road user*' fuq id-determinazzjoni tar-responsabbilità tas-sinistru. Ġie kostantement ritenut illi waqt li l-veloċità eċċessiva għal dik regolamentari, jekk tirriżulta ppruvata, tesponi lid-*driver* sija jekk dan ikun *main road user* u sija jekk ma jkunx, għal proċeduri kriminali kontra tiegħu għall-vjolazzjoni ta' regolamenti tas-sewqan apposti; tali veloċità eċċessiva fiha nfisha ma tistax titqies *a priori* bħala fattur determinanti għar-responsabbilità għall-inċident jew kontributorju għalih. Irid jiġi stabbilit sodisfaċentement illi l-veloċità eċċessiva kienet element determinanti **li pprovoka l-inċident** u li tista' titqies bħala l-kawża prossima ta' l-akkadut;

Hu ċar fil-każ in eżami illi dak li pprovoka l-inċident, ċertament ma kienx is-sewqan b'veloċità "ftit jew wisq ħaj" tad-*driver* tal-vettura ta' l-attriċi, imma l-fatt ippruvat u stabbilit mill-perit legali, illi l-konvenut invada t-triq prinċipali, minn fejn kien nieżel il-*Mercedes*, mingħajr ma esplora sewwa dik it-triq u qabel ma aċċerta ruħu li seta' jagħmel dan bla jkun ta' tfixkil għat-traffiku ġej fuq il-*main road*. Jirriżulta – u dan hu rilevanti – illi l-konvenut kellu viżwali tajba u fit-tul fid-direzzjoni minn fejn kienet ġejja l-*Mercedes*. Dan ifisser li l-konvenut ma kellu l-ebda skużenti li seta' b'xi mod ġie sorpriż bis-sewqan tal-vettura fuq it-triq prinċipali. Il-konvenut seta' jara sewwa l-*Mercedes*. Seta' jiġġudika l-veloċità tagħha u d-distanza li fiha kienet. Il-konvenut jista' biss inkolpa lilu nnifsu jekk ma rax il-*Mercedes*, jew jekk raha, li ma kkalkula tajjeb il-veloċità tagħha. Hu dan il-ġudizzju żbaljat li pprovoka l-inċident u mhux il-veloċità eċċessiva tad-*driver* l-ieħor. Mill-

banda l-oħra sewwa jingħad illi l-provi prodotti ma humiex fihom infushom konklussivi ta' xi veloċità esaġerata li kienet timpedixxi lid-*driver* tal-*Mercedes* li jitlef il-vettura jew li ma jirrejaġixxix tempestivament anke jekk mhux b'suċċess biex jieħu *'evasive action'*. Anke jekk jiġi konċess dak li kkonkluda l-perit legali, li l-*Mercedes* kienet qed tiġi misjuqa bi *speed* in eċċess ta' dak regolamentari, il-Qorti ma tistax taqbel li s-sewqan ta' bin l-attriċi kien tali li jikkwalifikah bħala *'main road abuser'*, sal-punt li jiġi ritenut responsabbli għas-sinistru jew li kkontribwixxa għalih;

Fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni, il-perit legali ddetermina l-ammont komplessiv ta' Lm1,012.97. Jirriżulta li dan l-ammont hu ġġustifikat bil-provi u riċevuti u l-Qorti ssib il-konsiderazzjonijiet tal-perit legali fir-rigward tagħhom validi, u ser tadottahom. Dan b'mod partikolari in kwantu dawn jikkonċernaw il-kiri ta' karrozza alternattiva. Il-Qorti tqis li, anke f'dan, il-prinċipju għandu jkun li d-danni għandhom jiġu limitati kemm jista' jkun u konsegwentement anke hawn hi meħtieġa l-moderazzjoni. Id-dritt li għandu jiġi sodisfatt id-danneġġat, hu li jiġi pprovdut lilu trasport alternattiv, adegwat u *"suitable"* fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Mhux li jingħata neċessarjament l-istess tip ta' vettura li ġiet investita fl-inċident. Hemm ukoll l-obbligu li r-rata tal-kiri tkun dik permessa bil-liġi, u jispetta lil min jirreklama l-kumpens tal-kiri tal-karrozza li jipprova li dan ma kienx possibbli. Prova li f'dan il-każ ma tirriżultax;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi l-kawża billi, prevja l-akkoljiment tar-rapport peritali bil-modifiki fuq magħmula, tiddikajra li l-inċident imsemmi fiċ-ċitazzjoni li ġara fit-12 ta' Lulju, 1990, ġara unikament ħtija tan-nuqqas ta' osservanza tar-

regolamenti tat-traffiku, tan-negliġenza u traskuraġni da parti tal-konvenut; tillikwida l-ammont ta' danni konsegwenzjali sofferti mill-attriċi fis-somma komplessiva ta' elf u tnax-il lira maltin u sebgħa u disgħin ċenteżmi (Lm1.012.97); tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi din is-somma li qed tiġi hekk illikwidata;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut u l-imgħax dekorribbli millum sad-data ta' l-effettiv pagament.